

# Il-bejjiegħa tat-triq fis-Siġġiewi

*Nicholas Vassallo D. Litt.*

Sa ftit snin ilu s-Siġġiewi kien wieħed mill-irħula l-aktar maqtugħin mill-ibliet u ċ-ċentri tal-kummerċ minħabba li t-triq għall-Belt u għan-naħiet ta' Bormla xejn ma kienet tħajrek tmur lejn "in-naħa t'isfel", kif kienu jsejħu, is-Siġġiwin, dawk l-inħawi. Sa, qisu, nofs is-Snin Sebgħin, biex tmur il-Belt Valletta kont trid tgħaddi, tisa' tgħid, minn qiegħ il-wied li jifred is-Siġġiewi minn Ħaż-Żebbuġ u sa dawk is-snin ftit kienu dawk is-Siġġiwin li kellhom il-karozza privata tagħhom. Il-mezz ta' trasport l-aktar komuni kien bil-karozza tal-linja, li ma kinux spissi lanqas!

Madankollu, kienu jiġu fostna, hawn is-Siġġiewi, għadd ġmielu ta' bejjiegħa ta' kull xorta waqt li ħafna Siġġiwin kienu kull filgħodu jerħulha lejn bliet u rħula oħrajn biex ibiegħu l-uċuh tar-raba tagħhom. Peress li n-nies tas-Siġġiewi, sa dawk iż-żminijiet, kienu mitfugħin l-aktar għall-biedja, il-kummerċ tar-raħal tagħna kien, tista' tgħid, marbut kollu max-xogħol tar-raba'. Il-bdiewa kienu kuljum iqumu kmieni, qabel is-sebħ, biex sa xħin l-għodwa tisħon sewwa jilħqu jtemmu parti ġmielha mix-xogħol. Wieħħd irid iżomm quddiem għajnejh li fir-raba l-bidwi jeħtieġlu jaħdem mid-dlam sad-dlam. Għalhekk fil-ħdud u l-festi kmandati, ftit wara l-quddiesa tal-ewwel – li dak iż-żmien kienet tibda fl-erbgħa ta' filgħodu, nhar ta' Ħadd, u fl-erbgħa w nofs nhar ta' xogħol – xi bejjiegħa kienu jarmaw ħdejn il-knisja u jqiegħdu hemm, għal wiri, ħafna għodod u ħwejjeġ oħra meħtieġa għax-xogħol tal-għalqa jew tal-bini. Fosthom kien ikun hemm landier imdaħħal fiż-żmien, min-naħa ta' Blat il-Qamar – jekk niftakar tajjeb, kienu jsejħulu Ta' Jannar, għax dal-kont issa ilu madwar sittin sena. Meta joqrob is-sajf kien jifrex fuq il-bankina n-naħa ta' Peppa tal-Patri xi par bramel għall-mili tal-ilma bil-gabja. Kien jagħmilhom hu stess, ħafna drabi minn tankijiet taż-żingu wżati, tal-ħamsa w għoxrin litru, billi jaqtgħalhom daqs terz minnhom min-naħa ta'fuq b'tali mod li kull wieħed jiġi jesa' daqs ħmistax-il litru. Wara li jobormilhom ix-xifer kien jirbattilhom għalaq bil-ħolqa biex il-barmil jegħreq malajr u ma jitħabbilx ma' sieħbu waqt it-titliegħ. Kien bniedem tas-sengħa u kellu ħabta joħloq għodda u ħtiġijiet oħra għax-xogħol tar-raba'! Mil-biċċa l-oħra li jaqta' mit-tank kien joħroġ



*Il-bejjiegh tat-tjur bil-horġ.*

lembut għall-bettija għax meta tinzerta sena xotta ħafna bdiewa kienu jġorru l-ilma minn għelieqi oħra għat-taħwil tat-tadam, pastard u ħxejjex tas-sajf permezz ta' tank tal-45 mimdud fuq il-karettun. Kien jagħmel ukoll minċotti taż-żingu għall-manki tal-inċirata. Il-minċott kien bħal katusa tal-metall, twila xi pied u nofs, li tidjieq fit-truf biex il-bidwi jqabbad manka m'oħra u jorbothom b'qafla. Minbarra hekk kien ikollu wkoll għall-bejgħ taljoli ta' kull daqs, ħbula, mnieġel u skieken għal qtigħ tal-pastard, mgħażaq u kull xorta ta' għodda oħra għall-biedja.

Meta lejn nofs il-ħamsinijiet Jannar xjieħ u refa' mix-xogħol, ħadlu postu bejjiegħ ieħor minn Ħal Qormi. Dan kien ibiegħ mhux biss għodda għar-raba' iżda wkoll għax-xogħol tal-barrieri, tal-bini u tal-mastrudaxxi. Kont issiblu kull tip ta' tnalji, mrietel u nvellijiet, lenez, mannaretti, mtieraq tal-inġir u tal-ingolmar u ħafna oġġetti oħra li llum bilkemm għadek tara minnhom. Fost l-oħrajn kien iġib ukoll xbieki u gabjetti għan-nassaba. Imma l-akbar ors tagħna t-tfal kienu t-trabokki għall-pitirrossi, nofs lira l-wieħed. Dawn il-bejjiegħa kienu jiġbdu lejn dik il-wesgħa ġemgħa ta' nies mhux ħażin u joħolqu kummerċ ieħor għax b'rieħet hekk, fi żmien il-bejgħ tas-silla, tal-patata u tal-basal ħafna bdiewa nhar ta' Ħadd arahom jinġabru qrib il-kampnar bit-tama li jkellmu xi sensar u jbigħu l-uċuh jew il-bhejjem tagħhom bħal ħrief, nagħaġ u għoġġiela.

Matul il-ġimgħa kienu jiġu wkoll oħrajn jixtru u jbigħu fniek, tjur jew oġġetti għad-dar. Tat-tjur is-soltu kien iġorr fuq il-karettun bħal qafas wiesgħa iżda mhux għoli wisq u aktarx kien jinnegozja man-nisa tad-dar. Xi drabi kien jiġi wkoll xerrej bil-ħorġa fuq spalltu u bil-beritta la xinger. Il-ħorġa kienet għamla ta' żewġ xkejjer imwaħħlin flimkien b'fetqa ta' madwar pied u nofs biex minnha jserraħ fil-ħorġa l-fniek u t-tjur li jixtri.

Fost dawk li kienu jduru mar-raħal ibigħu l-affarijiet għad-dar kien hemm ċertu Ercole Bonnici minn Ħaż-Żebbug. Jien ma niftakrux iżda qalli bih ibnu Ċikku li minn ftit snin 'l hawn ġie joqgħod is-Siġġiewi. Ercole bil-poni tiegħu kien iżur ukoll bosta rħula oħra tal-qrib u kont issiblu dak kollu li l-mara tinħtieġ għad-dar bħal fliskaturi, banjijiet, platti, borom u żnieġel tal-fuħħar għall-użu ta' kuljum. Kien ibiegħ ukoll ħtiġijiet oħra għal xi okkażjoni bħal settijiet tat-tè u tal-ikel tal-fajjenza fina għal xi rigal tat-tieġ jew għad-dota ta' xi xbejba mwassla għaż-żwieġ. Kienu jiġu wkoll bejjiegħa oħrajn fosthom *"tal-biċċiet"*. Dan kien ibiegħ id-drapp għad-dbielet u lbiesi ta' kuljum. Ħafna ommijiet kienu jixtru xi jarda drapp biex jagħtuha lil Venut jew lil Ġużeppi tat-Tusu jħitilhom xorts għat-tifel, għax dak iż-żmien is-subien, xitwa u sajf, dejjem xorts kienu jilbsu. Malli, ta' xi ħmistax-il sena, jilbsu l-qalziet twil, sħabhom biex jinkuhom kienu jaqbdu magħhom, jgħajjruhom: *"Ara l-katusi!"*



*Ercole Bonnici għall-aħħar tas-snin erbgħin jew bidu tal-ħamsinijiet.*

Kien hemm imbagħad tal-ġwież. Ħafna nisa kienu jistennewhom bil-ħerqa għax dak iż-żmien – qed insemmu aktar minn ħamsin sena ilu – ftit kienu dawk il-familji

li ma kellhomx fniek, tiġieġ, dundjani u nagħag id-dar. L-ewwel li ma jiġini f'moħħi hu l-Lekkuku, minn Ħaż-Żebbuġ. Dan kien wieħed mill-ftit bejjiegħa li kellu vann. Tisimgħu jdoqq il-horn minn seba' mili bogħod. Kont issiblu minn kollox: minbarra ġwież kien ibiegħ ukoll ħafna tipi ta' priserv inklużi kunserva, corned beef u frott tal-bott – li għal dak iż-żmien kien pjuttost xi ħaġa rari! Imma l-aktar wieħed li n-nies kienet tiggosta kien Pinu tan-Nuħħala mis-Siġġiewi, b'xi nofs tużżana xkejjer fuq il-karettun: tas-smida, nuħħala, qarabocċ u qamħirrun għat-tiġieġ. Kellu karattru tassew ħelu għax dejjem bit-tbissima fuq fommu u lanqas reqdinek ma jgħid. Tħobbu mingħajr ma trid: tisimgħu kultant ikellem iż-żiemel qisu qed ikellem it-tifel b'dik l-għajta: *"Ejja ħa mmorru; irrah għada l-Ħadd 'kk il-Bambin irid"*. Darba minnhom ommi, kif daħlet il-bieb qaltilna: *"Pinu mhux ġej iżjed, dieħel patri!"*. U infatti ma rajtu qatt iżjed.

Darbtejn fil-ġimgħa kienu jigu wkoll tal-ħut jimbottaw karettun żgħir tal-idejn b'kavetta jew tnejn fuqu, jgħajtu: *"Ħajja l-vopi – Ara dak is-sawrell ħej!"* jew *"Għall-aljotta ċ-ċawl!"*. M'hemmx għalfejn ngħidu, fi żmien il-fanfri u l-lampuki kienu jiġu tista' tgħid kuljum. Filgħaxijiet, fix-xitwa, kienu joħorġu xi ġuvnotti ta' madwar erbatax jew ħmistax-il sena b'investa wara daharhom ibiegħu l-qastan u l-karawett. Dik l-għajta tagħhom għadni nismagħha tidwi f'widnejja: *"Kerojèee – Shuna l-qastâân"*. Imma l-aqwa u l-aħjar għajta kienet tal-bejjiegħa tal-ġelat u tal-qubbajt. Tal-ġelat kien jiġi b'naqra ta' poni qisu felu, bil-bezzun tal-ġelat nofsu mdendel 'l isfel mix-xatba tal-karettun għal fuq il-fus jgħajjat, fil-ħin ta' nofs in-nhar, sa xi t-tlieta. Konna nistennewh bil-ħerqa; bi tliet soldi kien jimlielna mill-bezzun tazza tal-wafer, ftit iżgħar minn tazza tal-yoghurt. Tal-qubbajt, min-naħa l-oħra kien jiġi biss darbtejn fis-sena: għal San Nikola – fix-xitwa u fis-sajf – b'tilar imdendel minn għonqu għal qaddu bit-turruni żgħar tal-qubbajt bajdani jew lewn l-għasel.

X'qabża minn dak iż-żmien għal-lum! Kulħadd liebes l-aqwa ħwejjeġ, kulħadd bil-flus f'idu, kulħadd bil-karozza tiegħu. Sas-sittinijiet aktar kont tara karettuni, għax dawk kienu l-mezz tat-trasport tal-bidwi; illum lanqas fejn tipparkja ma ssib għalkemm xi drabi tgaddi mit-triq lanqas tara ruħ. Imma l-bidla ma jwaqqafha ħadd. Imn'Alla!

*(Dan l-artiklu nkiteb f'April tal-2012 iżda minħabba problemi tal-istampar ma kienx ippubblikat għall-festa ta' Ġunju 2012. Għalhekk qed ikun stampat għall-festa ta' din is-sena.)*

## TAGĦLIM TAL-MUŻIKA MINGĦAJR ĦLAS

Dawk il-ġenituri li jixtiequ jibagħtu lit-tfal tagħhom biex jitgħallmu l-mużika, teorija u prattika, jkellmuna sabiex sal-bidu ta' Settembru jkunu rreġistrati għand is-Segretarju tal-Każin.

Isem: .............................. Kunjom: ..............................

Indirizz: ..............................

Età: .................... Firma tal-ġenitur: ..............................